MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# Stqarrija Pubblika

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ħadet nota tar-rapporti li dehru fil-mezzi tax-xandir dwar Pilatus Bank u r-rwol tal-Awtorità, u tixtieq tiddikjara dan li ġej.

L-MFSA tat liċenzja lil Pilatus Bank biex jaġixxi bħala istituzzjoni ta' kreditu skont it-termini ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju fit-3 ta' Jannar 2014. L-applikazzjoni għal-liċenzja kienet ipproċessata u vvalutata f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali applikabbli u skont il-proċeduri li għandha l-Awtorità biex tapprova l-għoti ta' liċenzja ta' istituzzjoni ta' kreditu.

Pilatus Bank huwa suġġett għar-regoli prudenzjali u superviżorji kif ukoll tal-proċeduri ta' superviżjoni kontinwa tal-MFSA li huma applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan ħareġ ukoll mill-ispezzjoni li saret għand il-Bank mill-MFSA fl-2015 li diġà ġiet irrappurtata fil-mezzi tax-xandir.

L-MFSA hija awtorità independenti. L-Awtorità kkooperat u tkompli tikkopera mal-awtoritajiet kompetenti l-oħra kif meħtieġ.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarja ta' Malta**
**Nru. tal-Istqarrija: 05-2017**
**24 ta'April 2017**